# Mistoqsija u Tweġiba

dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Nru. 9

MALTA-EU INFORMATION CENTRE

mistoqsija u tweġiba

dwar malta u l-unjoni ewropea

MISTOQSIJA & TWEĠIBA
DWAR MALTA U L-UNJONI EWROPEA

Ktejjeb ta'informazzjoni miġbur miċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE bl-aktar mistoqsijiet komuni li jsiru dwar Malta u l-Unjoni Ewropea.

Dan it-tagħrif jista'jkun riprodott kemm-il darba jingħata għarfien lil dan is-sors.

Ħarġa Nru 9
25 Mistoqsija u Tweġiba dwar
Malta u l-Unjoni Ewropea

Ottubru 2002.
Miktub f'Ottubru 2002.
© Ċentru ta'Informazzjoni Malta-UE.

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI

**Telefon** 2590 9192 • **Fax** 2122 7580 • **e-mail** euinfo.mic@magnet.mt • **website** www.mic.org.mt

# WERREJ

1. Pajjiż Għarab . . . 2
2. Diktat minn Brussels . . . 2
3. Bejgħ ta' karozzi . . . 4
4. Il-marka CE . . . 5
5. L-allowance tat-tfal . . . 6
6. Kontrolli fid-dwana . . . 6
7. Divorzju . . . 7
8. Rimi ta' fridges . . . 7
9. Postijiet fejn jintrema l-iskart . . . 8
10. Ċittadinanza Ewropea . . . 9
11. Sajd . . . 10
12. Ugwaljanza bejn is-sessi . . . 10
13. Immigranti illegali . . . 11
14. Telf ta' impjiegi . . . 12
15. Il-ħobża Maltija . . . 13
16. Is-sehem ta'Malta fi programmi ta' l-UE . . . 14
17. Il-prezz tal-petrol . . . 15
18. Trasport pubbliku . . . 15
19. Trobbija tal-fniek . . . 16
20. Ħitan tas-sejjiegħ . . . 17
21. Min jaħdem għal rasu . . . 17
22. Tipjip f'ristoranti . . . 18
23. Azzjonijiet industrijali . . . 19
24. Visa . . . 19
25. Dranaġġ . . . 20

## 1. PAJJIŻI GĦARAB

# Wara s-sħubija, Malta se jibqa' jkollha relazzjonijiet tajba mal-pajjiΩ Għarab?

Iva u hekk għandu jkun għaliex l-Unjoni Ewropea nnifisha diġà għandha relazzjonijiet tajbin ħafna mal-pajjiΩ Għarab. Dwar il-Lvant Nofsani, il-poΩzzjoni ta' l-UE dejjem uriet simpatija lejn is-sitwazzjoni tal-poplu Palestinjan, filwaqt li taċċetta d-dritt tal-poplu IΩraeljan li jgħix fil-paċi u s-sigurtà.



F'livell kummerċjali, l-UE diġà kkonkludiet għadd ta' ftehim kummerċjali ma' bosta pajjiΩ Għarab fosthom dawk għal kummerċ ħieles. L-UE hi diġà l-imsieħba prinċipali tagħhom u qed tfittex ukoll li twaqqaf Ωona ta'kummerċ ħieles mal-Mediterran kollu sal-2010 bħala parti minn inizjattiva magħrufa bħala *Euro-Med Parternship* u li fiha Malta diġà qed tieħu sehem. Jekk Malta tissieħeb fl-UE, aħna nsiru awtomatikament parti minn dawn il-ftehim kummerċjali mal-ġirien Għarab mingħajr ma rridu nnegozjaw ma'kull wieħed minnhom.

Fl-aħħarnett, il-pajjiΩ ta' l-UE jimponu l-ħtieġa ta' visa fuq għadd ta' pajjiΩ li mhumiex membri fl-UE, fosthom il-pajjiΩ Għarab. Fuq dan il-punt ara l-mistoqsija Nru 24.

## 2. DIKTAT MINN BRUSSELS

# L-istituzzjonijiet Ewropej se jiddettawlna x'għandna nagħmlu?

L-UE ma taħdimx b'dak il-mod. Ħadd ma jiddetta lill-oħrajn x'għandhom jagħmlu u din hi idea ħaΩna.

PajjiΩjissieħeb fl-UE volontarjament. Ma jkunx sfurzat li jissieħeb. Jissieħeb

għaliex irid ikun parti minn sistema komuni li fiha pajjiΩ oħra Ewropej diġà jagħmlu parti. Sħubija fl-UE tfisser ukoll li int tadotta sistema komuni ta' liġijiet li japplikaw bl-istess mod għall-kull pajjiΩ, ħlief f'dawk il-kaΩ fejn pajjiΩ jinnegozja eΩenzjoni speċifika għalih.

Hemm idea komuni ħaΩna li r-regoli ta'l-UE huma magħmula minn xi ħadd fi Brussels u imposti kontra r-rieda tal-pajjiΩ jew tal-poplu. Dan mhux il-kaΩ Ir-regoli ta'l-UE jsiru wara li jkun hemm qbil dwarhom bejn il-pajjiΩ ta'l-UE wara perjodu twil ta'konsultazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha. Ir-regoli ta' l-UE normalment jiffukaw fuq problemi li huma komuni għall-pajjiΩ u ċ-ċittadini kollha, bħall-i*standards*, drittjiet taċ-ċittadini u l-kompetizzjoni. Huma ma jsirux mill-pajjiΩ l-kbar biex ikunu obduti mill-pajjiΩ ΩΩgħar jew bil-kontra. Il-pajjiΩ l-kbar ma jistgħux jiddeċiedu waħidhom u bl-istess mod, il-pajjiΩ ΩΩgħar ma jistgħux jiddeċiedu waħidhom. Il-pajjiΩ jridu jsibu kompromessi bejniethom biex l-UE tkun tista'tadotta dawn il-liġijiet. Dan hu li jiġri għal-liġijiet kollha ta' l-UE.

Wara li l-liġijiet ikunu adottati, iridu jkunu infurzati. Dan isir f'kull pajjiΩmill-awtoritajiet

Nazzjonali ta' dak il-pajjiΩu mhux mill-UE. L-UE m'għandiex uffiċjali ta' l-infurzar tagħha. Jekk pajjiΩjonqos milli jinforza l-liġijiet ta' l-UE, hu jkun irid iwieġeb għall-azzjonijiet tiegħu liċ-ċittadini ta' pajjiΩu jew ċittadini ta' pajjiΩi membri oħra. Dawn il-materji jistgħu jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-pajjiΩjista' jintalab li jsegwi l-obbligi li jkollu. Jekk ma jagħmilx hekk, jista' jittella' l-qorti u fl-aħħar anki jkun immultat. Il-Kummissjoni Ewropea regolarment tieħu azzjoni kontra pajjiΩ ta' l-UE talli dawn ma japplikawx il-liġi ta' l-UE adegwatament. Ħafna drabi, il-Kummissjoni taġixxi fuq baΩ ta' l-ilmenti taċ-ċittadini nnifishom li jkunu jridu li l-liġi ta'l-UE tkun infurzata. Sa issa, iΩda, kien hemm kaΩwieħed biss fejn pajjiΩkien immultat.

## 3. BEJGĦ TA' KAROZZI

# X’se jinbidel bir-regoli ġodda ta’ l-UE dwar il-karozzi?

Matul dawn l-aħħar snin, il-mod kif il-karozzi tqassmu u nbiegħu fl-UE ma kienx għal kollox ħieles kompetittiv. Dan jispjega għaliex normalment issib marka waħda ta’ karozza mingħand kull *dealer* individwali. L-istess jgħodd għal dak li għandu x’jaqsam ma’ *spare parts* għall-karozza tiegħek u biex issewwiha. Din is-sitwazzjoni Ωviluppat fl-Ewropa għaliex, l-industrija li tim-manifattura l-karozzi, għall-kuntarju ta’industriji oħrajn, kienet protetta milli tkun esposta għal kollox għall-kompetizzjoni. Din is-sitwazzjoni kienet tgħin lill-industrija iΩda mhux lill-konsumaturi.



Wara diskussjonijiet twal, il-Kummissjoni Ewropea issa rrevediet s-sitwazzjoni u ħarġet b’regoli ġodda dwar is-settur tal-vetturi. Dawn ir-regoli se jdaħħlu aktar kompetizzjoni mingħajr, iΩda, ma jifthux is-suq kompletament. Il-Kummissjoni għamlet dan b’mod li ssib bilanċ bejn l-industrija u l-konsumaturi mingħajr ma tagħti rebħa sħiħa lil xi naħa jew oħra.

B'riΩultat ta’dan, dalwaqt għandna naraw bidla fil-kundizzjonijiet tal-kompetiz-zjoni fejn jidħol il-bejgħ ta' karozzi. Per eΩempju, *dealers* uffiċjali se jkunu jistgħu jimpurtaw u jbiegħu aktar minn ditta waħda ta’karozzi mill-istess *show - room*. Se jkunu jistgħu jiΩviluppaw aktar is-servizz ta’tiswija tagħhom billi jkoll-hom għarfien uffiċjali li huma jsewwu karozzi ta' ditti oħra jew jiġbru s-servizz ta’ tiswija tagħhom f’post wieħed. *Mechanics* indipendenti trid tingħatalhom informazzjoni sħiħa dwar il-karozzi u b’hekk se jsibuha aktar faċli biex jikkompetu ma’ dawk li għandhom għarfien uffiċjali biex isewwu l-karozzi ta'

marka partkulari. Dan jgħodd ukoll għall-i*spare parts*, fosthom dawk il-partijiet li jaqblu iΩda mhux tal-marka oriġinali.

Il-prezzijiet tal-karozzi fl-UE għadhom ivarjaw ħafna minn pajjiΩ Ewropew għall-ieħor. Il-Kummissjoni tittama li dan l-ambjent kompetittiv ġdid jgħin biex il-prezzijiet jersqu aktar lejn xulxin u fl-aħħar mill-aħħar jonqsu.

## 4. IL-MARKA CE

# Xi jfisser il-marka CE fuq il-prodotti?

Il-marka CE jirreferi għal *Communautè Européene* jew Komunità Ewropea u jfisser li l-prodott li għandu dik il-marka kien immanifatturat skond l-i*standards* ta' l-UE. Il-marka CE titwaħħal biss fuq dawk il-prodotti li jkunu manifatturati skond il-kriterji stabbiliti f'livell Ewropew. Hemm diversi tipi ta'prodotti li huma koperti minn *standards* Ewropej, mill-makni għall-ġugarelli. Per eΩempju, fil-kaΩtal-ġugarelli, trid tiddaħħal ċerta informazzjoni, bħall-età tat-tfal li juΩaw dak il-ġugarell. Jekk fl-istadju tal-manifattura, prodott ma jilħaqx l-i*standards* meħtieġa, ma jikkwalifikax għal din il-marka CE. U jekk ma jkollux il-marka CE ma jistax jinbiegħ fl-ebda pajjiΩta' l-UE.

Il-marka CE mhix xi marka ta' kwalità. IΩda sservi biex isserraħ moħħ il-konsumaturi li dawk il-prodotti li jkunu għaddew ċerti testijiet biss u huma ġeneralment ħielsa mill-periklu jinbiegħu f'pajjiΩhom u f'pajjiΩ oħra ta' l-UE. Jekk int diġà għandek jew tuΩa prodott bħal xi makkinarju jew tagħmir, jekk dan m'għandux il-marka CE xorta tista' tibqa' tuΩah legalment f'Malta wara s-sħubija. M'hemmx għalfejn tarmih u tixtri wieħed ġdid. U tista'tbiegħu wkoll. Il-ħtieġa għall-marka CE tgħodd biss għal dawk il-prodotti li jitpoġġew fis-suq għall-ewwel darba u mhux għall-prodotti li diġà jinsabu fis-suq jew li kienu jintuΩaw f'Malta meta l-pajjiΩjissieħeb fl-UE.

## 5. L-ALLOWANCE TAT-TFAL

### Se nibqa' nirċievi l-allowance tat-tfal jekk nissieħbu fl-UE?



Iva. Jekk uliedek huma intitolati għall-*allowance* tat-tfal, int se tibqa' tirċeviha. L-Unjoni Ewropea ma tidħolx f'affarijiet marbuta mal-benefiċċji soċjali, fosthom l-*allowance* tat-tfal. Dan, flimkien ma' benefiċċji soċjali oħra mhux se jintlaqat minn sħubija. Kull pajjiΩ iΩomm is-sistema tiegħu u m'għandux għalfejn jibdilha għax m'hemmx sistema komuni Ewropea ta' sigurtà soċjali. Hemm pajjiΩ ta' l-UE li għandhom benefiċċji ta' għajnuna soċjali għoljin u oħrajn li m'għandhomx.

## 6. KONTROLLI FID-DWANA

### Tad-Dwana ma jwaqqfuniex aktar meta nivvjaġġaw lejn u minn pajjiΩ oħra?

Iva. Jekk Malta tissieħeb fl-UE, tkun tifforma parti minn Ωona waħda tad-dwana flimkien mal-pajjiΩ l-oħra ta'l-UE. RiΩultat ta'dan, meta tidħol jew tħalli Malta għall-pajjiΩieħor ta' l-UE, l-uffiċjali tad-dwana ma jistgħux iwaqqfuk u jiċċekkjawk kif jagħmlu issa. Kontrolli tad-dwana se jibqgħu jsiru għall-pajjiΩ li mhumiex membri fl-UE. L-istess japplika għall-kontroll tal-passaporti għall-pajjiΩ ta' l-UE bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda. Il-kontrolli fuq il-passaporti se jitneħħew biss wara ċertu Ωmien u mhux mal-ewwel wara s-sħubija, biex il-pajjiΩ l-ġodda jkollhom iċ-ċans jadattaw għas-sistemi ta' informazzjoni u ta'sigurtà li jintuΩaw mal-fruntieri.

## 7. DIVORZJU

# Malta se jkollha tintroduċi d-divorzju jekk nissieħbu fl-UE?

Le. Hu f'idejn l-awtoritajiet Maltin biex jiddeċiedu jekk id-divorzju għandux ikun legalizzat hawn Malta jew le. L-UE m'għandhiex vuċi fuq din il-kwistjoni. Fil-prattika iΩda, il-pajjiΩ kollha ta' l-UE diġà daħħlu d-divorzju, kulħadd b'deċiΩjoni interna tiegħu. L-Irlanda kien l-aħħar pajjiΩli daħħal id-divorzju wara referendum li sar ftit tas-snin ilu. L-UE ma kienetx involuta f'din id-deċiΩjoni.



L-UE għandha liġi li tgħid li jekk persuna tikseb divorzju f'pajjiΩ ta' l-UE, dan għandu jingħaraf fil-pajjiΩ l-oħra ta' l-UE. F'Malta diġà jingħata għarfien lil divorzju li jinkiseb f'pajjiΩ oħra.

## 8. RIMI TA' FRIDGES

# L-UE se tkun tista' tagħmel xi ħaġa dwar min jarmi l-*fridges* barra?

F'Malta huwa diġà illegali li tarmi l-*fridge* tiegħek fit-toroq jew fil-widien. Hemm ukoll liġi ta' l-UE li tgħid li wieħed ma jistax sempliċiment jarmi *fridge* għaliex din jista'jkollha xi kimiċi perikoluΩ bħall-*chlorofluorocarbons* (CFCs) li jintuΩaw biex iΩommu l-affarjiet ta'ġewwa friski. Jekk xi *fridge* tintrema bl-addoċċ, dawn il-kimiċi jistgħu joħorġu fl-atmosfera u b'hekk ikunu ta'dannu għall-ambjent u għal saħħtek. B'din il-liġi, il-fridges kollha jridu jintremew f'post partikulari fejn il-kimiċi perikoluΩ jistgħu jitneħħew qabel mal-*fridge* tkun mormija.

## 9. POSTIJIET FEJN JINTREMA L-ISKART

# Jekk il-gvern irid jiftaħ radam qrib fejn noqgħod jien, l-UE se tipproteġini?

Hu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiΩbiex jiddeċiedu l-post għar-radam. Bħal pajjiΩ oħra, Malta ssegwi ċerti proċeduri qabel ma tagħmel hekk, fosthom l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Dwar din it-tema, hemm Ωewġ liġijiet importanti ta' l-UE li jridu jkunu kkunsidrati u għandhom ikunu ta'interess għalik.

L-ewwelnett, il-proġetti prinċipali, bħall-postijiet għar-radam li aktarx se jħallu impatt fuq l-ambjent, ma jistgħux isiru qabel ma jsir studju fuq l-effett ambjentali. F'dan l-istudju jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Jekk dan ma jseħħx, Malta tkun qed tikser il-liġi ta' l-UE.

Hekk kif jingħaΩel post, l-UE tistipula li postijiet tar-radam iridu jitmexxew bi *standards* ambjentali u kontrolli stretti biex ma jkunux ta' riskju jew theddida għas-saħħa pubblika.

Fil-kaΩtagħna, kulħadd jaf li r-radam tal-Magħtab hu ta' periklu għas-saħħa tal-pubbliku u ttieħdet deċiΩjoni biex din tingħalaq sal-2004. L-istess jgħodd għar-radam fil-Qortin f'Għawdex. Fl-istess ħin, iridu jinstabu postijiet oħra. Malta qed titlob fondi mill-UE biex jgħinuha tnaddaf il-Magħtab wara li din tingħalaq.

## 10. ĊITTADINANZA EWROPEA

# Jekk nissieħbu fl-UE, jien se nsir ċittadin ta’ l-UE minflok ċittadin Malti?

Le. Int se tibqa’ċittadin Malti b’passaport Malti. IΩda tikseb ukoll "ċittadinanza ta’ l-UE". Dan jintitolak għal għadd ta’drittijiet addizzjonali li m’għandekx illum. Per eΩempju, tkun tista’ tivvjaġġa, tgħix, tistudja, titħarreġ jew taħdem f’kull pajjiΩta’ l-UE li tagħΩel int, b’total ta’ madwar 30 pajjiΩ Ma jkollokx bΩonn ta’ visa, anki jekk int toqgħod hemm għal aktar minn tliet xhur.

Tmur fejn tmur fl-UE ma tistax tkun trattat bħala barrani iΩda bl-istess mod bħaċ-ċittadini ta’dak il-pajjiΩ Fi kliem ieħor, id-drittijiet ta’ ċittadinanza tiegħek se jkunu estiΩ mit-territorju ta’ Malta għat-territorju kollu ta’ l-UE. Filwaqt li d-drittijiet tiegħek bħala ċittadin Malti se jibqgħu jgħoddu f’Malta, id-drittijiet tiegħek bħala ċittadin ta’ l-UE se japplikaw f’Malta iΩda wkoll fil-pajjiΩ l-oħra kollha ta’l-UE.

Flimkien mad-drittijiet ikollok ukoll obbligi. Per eΩempju, jekk int tivvjaġġa jew qed tgħix f’pajjiΩieħor trid tirrispetta l-liġijiet ta’ dak il-pajjiΩ fosthom il-liġijiet dwar it-taxxa. Iktar minn hekk, ma tistax sempliċiment tmur f’pajjiΩieħor u tis-tenna li se ssir piΩfinanzjarju fuq dak il-pajjiΩ Trid tkun tista’ jew tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex tgħix jew issib xogħol. Jekk ma tagħmilx hekk wara ċertu Ωmien, tista’tintalab titlaq.

F’dak li huma drittijiet politiċi, int se jkollok dritt li tivvota fl-elezzjonijiet lokali u tal-Parlament Ewropew fil-pajjiΩta’ l-UE li tkun tgħix fih, għalkemm tkun tista’ tivvota fl-elezzjonijiet nazzjonali f’pajjiΩ biss, jekk tkun eleġibbli. Jekk titlef il-passaport tiegħek jew issib ruħek f’diffikultà, f’kull pajjiΩ fejn Malta m’għandhiex ambaxxata, tkun tista’ tmur f’ambaxxata ta’pajjiΩta’l-UE u tkun intitolat għall-għajnuna daqslikieku kont ċittadin ta’dak il-pajjiΩ

## 11. SAJD

# X'innegozjat Malta fil-qasam tas-sajd?

L-UE għarfet l-isforzi ta'Malta matul dawn l-aħħar 30 sena biex tikkonserva l-provvista ta'ħut fiΩ-Ωona ta'25 mil madwar il-pajjiΩ L-UE aċċettat li sħubija ta' Malta m'għandhiex twassal għal tnaqqis ta' din il-protezzjoni. Għalhekk intlaħaq ftehim dwar il-kontroll taΩ-Ωona ta' 25-mil mill-awtoritajiet Maltin għal raġunijiet ta' konservazzjoni. Dan il-ftehim se jiddaħħal fil-liġi ta' l-UE.



L-ammont ta' sajd fiΩ-Ωona mhux se jiΩdied wara s-sħubija minħabba li Ω-Ωona ta' 25 mil illum laħqet l-ammont massimu sostenibbli. Se ssir lista tal-biċċiet tas-sajd li jistadu f'dik iΩ-Ωona. Id-dgħajjes tas-sajd li huma reġistrati f'dik il-lista biss se jitħallew jistadu fiΩ-Ωona wara s-sħubija. U ma jistax ikun hemm Ωeda fil-għadd tagħhom. Dan ifisser li l-awtoritajiet Maltin mhux se jagħtu aktar liċenzji ġodda għal dgħajjes tas-sajd. Kull min irid jibda jistad fiΩ-Ωona tagħna, kem jekk ċittadin Malti jew ta'l-UE, irid jixtri liċenzja eΩistenti jew inkella ma jkunx jista'jistad.

## 12. UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

# Għamilt intervista u nħoss li ma ntgħaΩltx sempliċiment għax jiena mara. Nista' nikseb rimedju?

Li inti mara m'għandux jiċħadlek iċ-ċans li tingħaΩel għal xogħol. Bl-istess mod, jekk diġà għandek xogħol, min iħaddmek ma jistax jitrattak b'mod

differenti mill-impjegati l-oħra minħabba s-sess tiegħek. Għandu jkollok l-istess ħinijiet tax-xogħol, sahra, *leave* kif ukoll *sick leave*, bonus u benefiċċji oħra. Int intitolata wkoll li tirċievi l-istess ammont ta' paga li impjegat raġel jirċievi jekk qed tagħmlu l-istess tip ta' xogħol. L-istess japplika għall-mod ta' kif tilbes, il-flessibilità fil-ħin tax-xogħol u l-kundizzjonijiet ta' tkeċċija mix-xogħol. Jekk ikun hemm xi taħriġ offrut waqt li qed taħdem, int għandu jkollok l-istess ċans li titħarreġ daqs l-impjegati rġiel.



Jekk int tħoss li sfajt diskriminata, int għandek dritt għal rimedju, fosthom li tieħu azzjoni legali kontra min iħaddmek. Il-kaΩtiegħek se jkun mgħejjun għaliex int ma jkollokx għalfejn tipprova li kien hemm diskriminazzjoni iΩda min iħaddmek irid jipprova li ma kienx hemm diskriminazzjoni. Fi kliem ieħor, irid ikun min iħaddmek li jġib il-provi.

Hemm regoli stretti fl-UE dwar dawn it-temi kollha u dawn bħalissa qed jiddaħħlu fil-liġi Maltija.

## 13. IMMIGRANTI LLEGALI

## Jekk nidħlu fl-UE, in-numru ta' immigranti llegali se jiΩdied?

Bħala gΩira mdawra bil-baħar, Malta hi diġà l-mira ta'l-immigranti llegali li jaslu hawnhekk b'xi dgħajsa xi kultant f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna u b'riskju għall-ħajjithom. Fil-maġġoranza tal-kaΩi, jaslu hawn dawk l-immigranti li ma jaslux għad-destinazzjoni oriġinali tagħhom, ġeneralment l-Italja.

L-immigranti m'għandhomx jiΩdiedu sakemm ma jridux jaslu hawnhekk. IΩda jekk Malta biΩ-Ωmien tibda tkun meqjusa bħala pajjiΩ ekonomikament avvanzat ta'l-UE, dan jista'jiġbed l-immigranti llegali. Wara kollox, ħafna mill-immigranti illegali jagħmlu l-vjaġġ biex ifittxu li jgħixu f'xi pajjiΩ li joffrilhom prospetti ekonomiċi itjeb.

Sħubija fl-UE se tagħti lill-Malta aktar responsabbilità biex tħares il-fruntieri kostali tagħha u dan hu inkluΩ fl-obbligi tas-sħubija. Billi fit-territorju ta'l-UE ma jeΩistux fruntieri interni bejn il-pajjiΩi ta' l-UE, hu aktar importanti għall-pajjiΩi kollha li għandhom fruntiera esterna li jikkontrollawha sew. Koperazzjoni akbar mal-pajjiΩi ta' l-UE se tkun meħtieġa f'dak li hu kontrolli tas-sigurtà fil-portijiet u ajruporti tagħna kif ukoll b'rispett għal dawk li huma kontrolli mal-fruntieri.

Wara s-sħubija Malta se ddaħħal ukoll il-ħtieġa ta' visa fuq dawk il-pajjiΩi li ssoltu jkunu fost il-pajjiΩi li minnhom toriġina l-immigrazzjoni illegali.

## 14. TKEĊĊIJA MIX-XOGĦOL

## Jekk jinbidlu s-sidien tal-kumpanija, jistgħu s-sidien il-ġodda sempliċiment jitfgħuni 'l barra?

Le. Jekk ikun hemm bidla fil-proprjetarji tal-kumpanija, is-sidien il-ġodda ma jistgħux jaqbdu u jkeċċu lilek u lill-ħaddiema l-oħra. Hemm liġi speċifika ta' l-UE dwar dan li tgħid li l-impjegati ma jistgħux jitkeċċew sempliċiment għax jinbidlu l-proprjetarji ta' kumpanija. Meta dan iseħħ, l-impjegati jibqa' jkollhom l-istess drittijiet li kellhom qabel ma seħħet il-bidla fis-sidien tal-kumpanija.

Huma għandhom ukoll ikunu infurmati u kkonsultati kemm mis-sidien il-qodma kif ukoll mill-ġodda. Jekk dan ma jseħħx, tkun qed tinkiser il-liġi.
Jekk wara li jixtru l-kumpanija, is-sidien il-ġodda jridu jirristrutturawha, dan jista' jaffettwa l-għadd ta' ħaddiema li jaħdmu hemmhekk. Ir-ristrutturazzjoni tista' sseħħ mis-sidien il-ġodda bl-istess mod kif setgħet issir mis-sidien ta' qabel. IΩda hawn ukoll, il-ħaddiema għandhom id-dritt li jkunu nfurmati u kkonsultati.

## 15. IL-ĦOBŻA MALTIJA

## Il-ħobΩa Maltija se tkun affettwata jekk nidħlu fl-UE?

Il-ħobΩa lokali m'għandhiex għalfejn tinbidel f'termini ta'kwalità jew preΩentaz-zjoni. It-tibdiliet li jridu jsiru fil-kaΩtal-fran huma dwar l-indafa u l-iġjene. Il-maġġoranza tal-fran diġà mxew ħafna 'l quddiem minn dan l-aspett.
Ta' importanza akbar hu l-prezz. Bħalissa, il-qamħ li jintuΩa għall-ħobΩa tagħna hu impurtat minn barra l-UE bi prezzijiet internazzjonali. Dan it-tip ta' qamħ hu differenti minn dak li jintuΩa fl-UE u hu wkoll irħas. Jekk nissieħbu fl-UE, ikollna nħallsu tarriffa ġdida fuq il-qamħ li nimpurtaw minn barra l-UE, u b'hekk ikun aktar għoli. Dan jista'jkollu mpatt fuq il-prezz tal-ħobΩ
Għal din ir-raġuni, matul in-negozjati, Malta qed titlob li tibqa' tixtri l-qamħ bi prezzijiet internazzjonali anki wara s-sħubija. Din it-talba saret biex il-prezz tal-ħobΩa lokali Maltija ma jkunx affettwat minn sħubija.

## 16. IS-SEHEM TA' MALTA FIL-PROGRAMMI TA' L-UE

# Jekk ma nidħlux fl-UE, inkunu nistgħu nibqgħu nipparteċipaw fi programmi ta' l-UE?

Iva, imma mhux bil-mod li nipparteċipaw illum. Illum, Malta tipparteċipa fil-programmi edukattivi ta' l-UE għaΩ-ΩgħaΩagħ għaliex hi pajjiΩ kandidat. Matul l-aħħar sentejn minn mindu Malta bdiet tieħu sehem f'dawn il-programmi aktar minn 1,000 ΩgħaΩugħ u ΩgħaΩugħa ħadu sehem. Il-miΩata ta' parteċipazzjoni ta'Malta titħallas fil-parti l-kbira tagħha permezz tal-fondi ta' l-UE li ngħataw lill-Malta qabel sħubija.

Jekk ma nissiebħux fl-UE, dan l-arranġament ma jibqax jeΩsti għaliex il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħna jkunu nbidlu.

PajjiΩ li mhumiex membri ta'l-UE normalment ma jieħdux sehem fil-programmi ta'l-UE. L-uniċi eċċezzjonijiet huma n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein li huma parti miΩ-Ωona Ekonomika Ewropea u dawn jitħallew jieħdu sehem. IΩda huma jikkontribwixxu għall-*budget* ta' l-UE li jgħin biex jiffinanzja l-fondi strutturali ta' l-UE għall-membri ta' l-UE. L-Isvizzera ilha Ωmien tipprova tieħu sehem sħiħ fil-programmi ta' l-UE u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex tkun tista' tagħmel hekk. Sa issa, setgħet biss tieħu sehem bħala "*partner* sieket", jiġifieri ma tistax tibda l-proġetti tagħha iΩda tieħu sehem fi proġetti lijkun beda ħaddieħor. Tkun trid tħallas ukoll għall-ispejjeΩkollha involuti u mhux sempliċiment tħallas darba.

Fl-istess ħin, jekk Malta ma tidħolx fl-UE, xorta tkun tista' tieħu sehem f'dawk il-partijiet tal-programmi miftuħa għall-pajjiΩ li mhumiex fl-UE. Dan l-aħħar, l-UE ħabbret li se tiftaħ parti mill-programm edukattiv tagħha għall-pajjiΩ li mhumiex fl-UE. Din l-inizjattiva hi magħrufa bħala TEMPUS.

## 17. IL-PREZZ TAL-PETROL

# Jekk nissieħbu fl-UE, il-prezz tal-petrol se jogħla jew jonqos?



Skond il-liġi ta'l-UE, l-importazzjoni tal-*fuel*, fosthom il-petrol, trid tkun liberalizzata. F'Malta, sa issa, il-Korporazzjoni Enemalta għandha monopolju fuq l-importazzjoni tal-petrol. Dan se jkollu jispiċċa. Dan ifisser li jista' jkun hawn aktar minn kumpanija waħda li timporta l-petrol u jista' jkun hawn kompetizzjoni. Il-liberalizzazzjoni se tfisser ukoll li l-prezz tal-petrol u tad-*diesel* għandu jirrifletti aktar il-prezzijiet internazzjonali, kemm jekk dawn jonqsu kif ukoll jekk jiΩdiedu. Meta mqabbel mal-prezz internazzjonali, il-prezz tal-petrol f'Malta sa issa kien ogħla filwaqt li dak tad-*diesel* orħos. Matul in-negozjati, Malta talbet Ωmien ta' transizzjoni biex ikollha aktar ċans tadatta għall-bidliet meħtieġa bħala riΩultat tal-liberalizzazzjoni f'dan is-settur.

## 18. TRASPORT PUBBLIKU

# It-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja se jitjieb jekk nissieħbu fl-UE?

L-UE ma tispeċifikax li servizz irid ikun ta' ċertu livell. JeΩistu iΩda, għadd ta' regoli ta'l-UE li jistgħu jaffettwaw is-servizz pubbliku tat-trasport. Per eΩempju, l-UE għandha regola dwar il-*Vehicle Road-worthiness Test* (VRT) u dan jgħodd ukoll għall-karozzi tal-linja. Jekk karozza tal-linja ma



tgħaddix minn dan it-test trid titneħħa mit-toroq. Dan jispjega għaliex bħalissa l-Gvern qed iħaddem skema biex jgħin lil min għandu karozzi tal-linja biex jixtri karozzi ġodda.

Liġi ġdida ta' l-UE se tagħmel il-karozzi aktar aċċessibbli għall-individwi bi bΩonnijiet speċjali, l-anzjani u persuni li jkollhom tfal Ωgħar.

Dwar is-sussidji għat-trasport pubbliku, il-liġi ta' l-UE tgħid li s-sussidji jistgħu jingħataw jekk huma neċessarji biex ikun garantit it-trasport pubbliku li jservi r-rotot u jitlob prezzijiet li huma stabbiliti mill-Gvern Malti. IΩda mhux aktar minn hekk.

## 19. TROBBIJA TAL-FNIEK

## Jekk nidħlu fl-UE, se nkun nista' nibqa' nrabbi l-fniek id-dar?

Iva. L-UE ma tolqotx l-individwi li jrabbu l-fniek id-dar. Xorta tkun tista' tibqa' trabbi l-fniek id-dar jekk Malta tidħol fl-UE. U tkun tista' tbiegħ il-fniek li trabbi.



Dan il-punt mhux regolat mill-UE għaliex trobbija tal-fniek ta' dan it-tip hi meqjusa bħala "industrija tradizzjonali" u għalhekk, m'hemmx regoli speċifiċi.

Fl-istess ħin, jekk trid twaqqaf kumpanija biex trabbi u tip-proċessa l-laħam tal-fenek, din hi storja oħra. F'dan il-kaΩ tkun trid tirreġistra mad-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji u tkun trid tilħaq ċerti *standards* marbuta ma'l-industrija ta' l-ikel.

## 20. ĦITAN TAS-SEJJIEGĦ

### L-UE se tagħtina xi għajnuna biex insalvaw il-ħitan tas-sejjiegħ tagħna?

L-UE għandha fondi speċjali biex tgħin l-iΩvilupp rurali, jiġifieri l-kampanja u dawk il-persuni li huma involuti f'attivitajiet agrikoli. Fost affarijiet oħrajn, dan il-fond jiffinanzja proġetti li jtejbu l-kampanja, sistemi ta'tisqija u biex jitħarrġu Ω-ΩgħaΩagħ li jridu jaħdmu fis-settur agrikolu. Għajnuna finanzjarja tista' tgħin ukoll proġetti intiΩ biex jipproteġu l-ħitan tas-sejjiegħ fil-kampanja tagħna. Skond il-Kummissjoni Ewropea, matul l-ewwel tliet snin ta' sħubija, Malta għandha tistenna li tirċievi madwar Lm10 miljun f'fondi ta' l-UE għall-iΩvilupp rurali. L-ammont eΩatt ta'flus għad irid jiġi negozjat.

## 21. MIN JAĦDEM GĦAL RASU

### X'kien innegozjat dwar il-persuni li jaħdmu għal rashom?



Matul in-negozjati, Malta qablet li tapplika r-regoli ta' l-UE dwar il-persuni li jaħdmu għal rashom li jippermettu lill-persuna Maltija biex taħdem għal rasha f'pajjiΩieħor iΩda fl-istess ħin tħalli ċittadin ta' l-UE jaħdem għal rasu hawn Malta. Għal persuna biex ikollha l-istatus ta' ħaddiem għal rasu, irid jirreġistra f'dak il-pajjiΩ u jirreġistra wkoll

għall-iskopijiet tal-VAT, taxxa fuq id-dħul u għal-liċenzja tas-suq. Malta ma ħassietx il-bΩonn li tinnegozja xi Ωmien ta' transizzjoni jew xi arranġament speċjali f'dan il-qasam.

IΩda, jekk ikun hemm il-bΩonn, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jillimitaw l-għadd ta' intrapriΩ li jaħdmu f'oqsma speċifiċi. F'Malta, diġà nillimitaw l-għadd ta' spiΩeriji, *taxis*, *minivans*, karozzi tal-linja u pompi tal-petrol għaliex jinħass li s-suq għandu jkun aktar regolat f'dawn l-oqsma. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jinΩammu anki wara s-sħubija.

## 22. TIPJIP F'RISTORANTI

### It-tipjip fir-ristoranti se jkun projbit jekk Malta tidħol fl-UE?



L-UE m'għandhiex liġi li tipprojbixxi t-tipjip fir-ristoranti, għalkemm theġġeġ lill-pajjiΩ membri biex jagħmlu hekk. Dan ma japplikax għar-ristoranti biss, iΩda aktar importanti għall-postijiet pubbliċi bħall-isptar, skejjel, swali taċ-ċinema, portijiet u ajruporti. F'dawn il-postijiet it-tipjip għandu jkun jew kompletament ipprojbit jew inkella aċċettat biss f'Ωoni partikolari. Għalkemm din ir-rakkomandazzjoni ta' l-UE m'għandhiex valur legali, ħafna pajjiΩ membri ħadu l-inizjattiva li jipprojbixxu t-tipjip f'postijiet pubbliċi.

F'Malta, it-tipjip f'ħafna mill-postijiet pubbliċi hu diġà projbit, iΩda sa issa għadna ma nipprojbixxux it-tipjip fir-ristoranti.

## 23. AZZJONIJIET INDUSTRIJALI

# Se nkun nista’ nibqa’ nagħmel strajk jekk nidħlu fl-UE?



Iva. L-UE ma taffettwax id-dritt li tistrajkja - kemm jekk strajk normali kif ukoll strajk ta’ simpatija. M’hemmx liġijiet speċifiċi ta’ l-UE dwar l-istrajks għaliex dawn kienu għal Ωmien twil regolati mill-pajjiΩ Ewropej individwali, fosthom Malta. Fl-istess ħin, hemm għadd ta’ regoli ta’l-UE li jolqtu r-relazzjonijiet industrijali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Per eΩempju, il-liġi ta’ l-UE tagħmilha obbligatorja li l-ħaddiema jkunu infurmati u kkonsultati.

## 24. VISA

# Veru li Malta se timponi visa fuq iċ-ċittadini Libjani?

Iva. Bis-sħubija, Malta se tadotta l-istess sistema ta’ visa li tintuΩa fil-pajjiΩ l-oħra kollha ta’ l-UE. Dawn il-pajjiΩ ta' l-UE neħħew il-fruntieri interni ta’ bejniethom u fl-istess ħin qablu dwar lista ta’pajjiΩ li se jkollhom bΩonn ta’visa għaċ-ċittadini tagħhom biex dawn jidħlu fl-UE minn liema pajjiΩikun.
Għalina l-Maltin, dan ifisser li se jkollna nimponu visa fuq ċerti pajjiΩ, bħal-Libja. Ċittadini minn dawn il-pajjiΩ mhux se jkunu jistgħu jidħlu Malta mingħajr visa. Il-*visas* jinħarġu normalment għal Ωmien ta’ tliet xhur iΩda jintitolaw liċ-ċittadin li jmur kull pajjiΩta’ l-UE, mhux Malta biss. Dan il-punt qajjem ċertu

tħassib fost il-komunità Maltija ta' l-intrapriΩ b'interessi fil-Libja. Biex ikun assigurat li l-ħtieġa ta' visa ma tolqotx ħaΩn lill-ivvjaġġar għal skop ta' kummerċ, l-awtoritajiet Maltin se jintroduċu faċilitajiet li se joħorġu l-s immed-jatament. Aktar minn hekk, il-visas jistgħu jinħarġu fuq baΩ ta'medda ta' Ωmien itwal.

PajjiΩli ċ-ċittadini tiegħu jkollhom visa imposta minn Malta wisq probabbli jirreċiproka billi jdaħħal il-ħtieġa ta' visa għaċ-ċittadini Maltin li jridu jmorru hemmhekk.

## 25. DRANAĠĠ

## Jekk bajja tkun imniġġsa bid-dranaġġ, l-UE tipproteġini?

Din hi waħda mill-agħar problemi ambjentali ta' Malta għaliex għadna narmu d-dranaġġ fil-baħar mingħajr ma nittrattawh. It-trattament tad-dranaġġ jeħtieġ investiment kbir fl-istallazzjoni ta'impjanti speċjali li jqumu ħafna flus.

Matul in-negozjati, Malta kisbet aktar Ωmien, sal-2007, biex tibni l-impjanti meħtieġa u l-infrastruttura biex tiġbor, titratta u tarmi d-dranaġġ. Malta qed titlob ukoll assistenza finanzjarja mill-UE biex twettaq dan il-pjan.

Jekk Malta tibqa' tarmi d-dranaġġ fil-baħar mingħajr ma titrattah wara dan il-perjodu ta' transizzjoni, hi tkun qed tikser il-liġi ta' l-UE. Int ikollok id-dritt li tilmenta ma'l-UE dwar in-nuqqas tal-Gvern tiegħek li jobdi l-obbligi ta' l-UE.

Anki qabel is-sħubija, l-UE qablet li tagħti lil Malta assistenza finanzjarja għall-bini ta' impjant għat-trattament tad-dranaġġ f'Għawdex. L-UE qed tħallas €3 miljun minn spiΩa totali ta'madwar €8 miljun (jew Lm3.3 miljuni).